

32004D0144

18.2.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 47/33

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-12 ta' Frar 2004

li temenda d-Deċiżjoni Nru 97/467/KE fir-rigward ta' l-inklużjoni ta' negozji stabbiliti fil-Bulgarija u l-Ungerija fil-listi tad-dispożizzjonijiet ta' negozji stabbiliti f'pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' laħam ta' għasafar li ma jtirux bħan-nagħma u l-emu fost oħrajn

(notifikata bid-dokument numru K(2004) 346)

(Test b'relevanza għall-EE)

(2004/144/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 95/408/KE tat-22 ta' Ġunju 1995 fuq il-kondizzjonijiet biex jiffasslu, għal perjodu temporanju, listi ta' dispożizzjonijiet ta' negozji stabbiliti f'pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri huma awtorizzati li jimportaw ċerti prodotti li ġejjin mill-annimali, prodotti tas-sajd jew molluski bivalvi ħajjin⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) u (4) fiha msemmi,

billi:

- (1) Tfasslu listi ta' dispożizzjonijiet ta' negozji stabbiliti f'pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' laħam ta' għasafar li ma jtirux bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/467/KE⁽²⁾.
- (2) Il-Bulgarija u l-Ungerija bagħtu listi ta' prodotti stabbiliti tal-laħam ta' għasafar li ma jtirux li għalihom l-awtoritajiet responsabbli jiċċertifikaw li n-negozju stabbilit iħares ir-regoli tal-Komunità.
- (3) Dawk in-negozji stabbiliti għandhom ikunu inklużi fil-listi mfasslin bid-Deċiżjoni Nru 1997/467/KE.
- (4) Billi għadhom ma sarux spezzjonijiet fuq il-post, l-importazzjoni minn negozji stabbiliti bħal dawn m'hijiex eliġibbli għall-kontrolli fiżiċi mnaqqsa skond l-Artikolu 2(4) tad-Deċiżjoni 95/408/KE.

(5) Id-Deċiżjoni Nru 97/467/KE għandha tkun għalhekk emendata skond iċ-ċirkostanzi.

(6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Food Chain u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness II tad-Deċiżjoni 97/467/KE hu emendat skond l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tgħodd mill-25 ta' Frar 2004.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fit-12 ta' Frar 2004.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 243, tal-11.10.1995, p. 17. Deċiżjoni kif ġiet l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru. 806/2003 (ĠU L 122, tas-16.5.2003, p. 1).

⁽²⁾ ĠU L 199, tas-26.7.1997, p. 57. Deċiżjoni kif ġiet l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni Nru 2002/797/KE (ĠU L 277, tal-15.10.2002, p. 23).

L-ANNEX

L-Anness II jiġi emendat kif ġej:

1. It-test li ġej jiddaħħal fl-Anness II fil-parti li tikkonċerna 'l-Bulgarija skond ir-referenza taċ-ċittadinanza:

"1	2	3	4	5	6
BG 1901021	Mecom Ltd	Silistra	Silistra	SH, CP, CS"	

2. It-test li ġej jiddaħħal fl-Anness II fil-parti li tikkonċerna 'l-Ungerija skond ir-referenza taċ-ċittadinanza:

"1	2	3	4	5	6
HU-356	Kukori Kft.	Szatymaz	Csongrád megye	SH, CP"	